



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.6.2015
COM(2015) 309 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

dwar l-implimentazzjoni tal-Programm Statistiku Ewropew 2013-2017

1. INTRODUZZJONI

Ir-Regolament (UE) Nru 99/2013¹ dwar il-programm statistiku Ewropew tal-2013-2017 ġie adottat fil-15 ta' Jannar 2013.

L-Artikolu 15 tar-Regolament jirrikjedi li l-Kummissjoni tissottometti rapport intermedju dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-Programm lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sat-30 ta' Ġunju tal-2015. Qabel ma tippreżenta dan ir-rapport għandha tikkonsulta lill-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika.

Ir-rapport intermedju dwar il-progress jittqies bħala evalwazzjoni ta' fejn wasal il-programm meta mqabbel mal-istandards tal-Kummissjoni. Għandu għalhekk ikopri ħames kriterji ta' evalwazzjoni: l-effettività, ir-relevanza, l-effiċjenza, il-valur miżjud tal-UE u l-koerenza.

L-ambitu ta' dan ir-rapport huwa limitat għat-twettiq tal-Programm Statistiku Ewropew fl-2013 u l-2014. Il-progress rilevanti li sar fl-2015 huwa enfasizzat ukoll, fejn xieraq.

Ir-rapport huwa maqsum f'ħames kapitoli, li jikkorrispondu mal-ħames kriterji li għandhom jiġu evalwati, u kapitolu ieħor li fih ftit rakkomandazzjonijiet ta' livell għoli.

Il-Programm Statistiku Ewropew għandu erba' għanijiet ewlenin. Il-programm huwa maqsum fi tliet partijiet, u kull parti tiffoka fuq qasam speċifiku ta' prijorità. L-għanijiet 1 u 4 huma koperti bl-azzjonijiet meħuda fil-qasam ta' prijorità I; l-għan numru 2 jikkorrispondi mal-qasam ta' prijorità II; u l-għan numru 3 mal-qasam ta' prijorità III. It-tliet oqsma ta' prijorità stess huma maqsumi f'livell wieħed jew tnejn ta' sublivelli.

Hemm total ta' 23 għan iddettaljat tat-tieni livell, mifruxa fuq it-tliet oqsma ta' prijorità. Għal kull wieħed minn dawn l-għanijiet hemm ġabra ta' indikaturi tal-implimentazzjoni. B'kollox jintużaw 114-il indikatur tal-implimentazzjoni biex jitkejjel il-progress fit-23 għan.

Billi l-effettività hija l-aktar kriterju rilevanti għal dan it-tip ta' rapport, il-kapitolu dwar l-effettività jinkludi sommarju, segwit minn informazzjoni dwar ir-riżultati li nkisbu s'issa. Din l-informazzjoni hija ppreżentata eżattament skont l-istruttura tal-programm, jiġifieri it-tliet oqsma prijoritarji u s-subsetturi u t-23 għan iddettaljat tagħhom.

Il-kapitolu l-oħra fihom biss informazzjoni marbuta mal-programm kollu kemm hu.

Fir-rapport tiegħu dwar l-evalwazzjoni bejn il-pari tal-Eurostat li wettaq, il-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika kkonferma li l-Eurostat hija istituzzjoni amministrata b'mod tajjeb li, f'dawn l-aħħar snin, kompliet tissaħħa. Skont dawn l-istess awturi, il-Eurostat hija attrezzata tajjeb biex tiggwida s-Sistema Ewropea tal-Istatistika fil-proċess tal-modernizzazzjoni tal-istatistika Ewropea fuq bażi strutturali u sostenibbli, sabiex tegħleb l-isfidi dejjem akbar li se jiġu ffaċċjati fil-futur.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 99/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar il-programm statistiku Ewropew tal-2013-2017 (ĠU L 39, 9.2.2013, p. 12).

2. EFFETTIVITÀ

Sommarju

Huwa meqjus li l-Kummissjoni qiegħda "fit-triq it-tajba" biex tilħaq xi għan meta jkun ntlaħqu 75% jew iktar mill-indikaturi tiegħu. Fuq din il-bażi, bħalissa 17 mit-23 għan iddettaljat qegħdin fit-triq it-tajba, u s-sitta l-oħra qed jesperjenzaw biss diffikultajiet limitati. Dawn huma l-governanza ekonomika (1.2.2), Ewropa tal-poplu (3.2.1), l-istatistika ġeospazjali, ambjentali, agrikola u statistika settorjali oħra (3.3.1 u 3.3.4), it-twaqqif tal-prijoritajiet u s-simplifikazzjoni (2.1) u s-sħubija fis-Sistema Ewropea tal-Istatistika u lil hinn (1.1).

B'mod partikolari, il-proġetti kollha tal-Eurostat ikklassifikati bħala kritiċi abbażi tal-importanza strateġika tagħhom, tal-għadd ta' persunal involut jew tar-riżorsi finanzjarji investiti ġew konklużi b'suċċess jew qegħdin fit-triq it-tajba.

Sar progress tajjeb ukoll fil-proġetti relatati mal-modernizzazzjoni. Il-proġetti li jinvolve l-kollaborazzjoni bejn il-membri tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika wrew riżultati tajbin, u n-netwerks ta' kollaborazzjoni tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika u l-proġetti tal-implimentazzjoni tal-viżjoni tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika għamlu progress partikolarment tajjeb. Fil-bidu tal-2015, il-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika qabel li jimplimenta l-Viżjoni 2020 tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika² viżjoni 2020, inizjalment permezz ta' tmien proġetti ta' implimentazzjoni tal-viżjoni tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika. Jekk il-proġetti ta' modernizzazzjoni jkomplux jiġu żviluppatti, kemm f'termini tad-daqs kif ukoll tal-kamp ta' applikazzjoni tagħhom, jiddependi mid-disponibbiltà kontinwa tar-riżorsi għas-Sistema Ewropea tal-Istatistika.

Qasam ta' prijarità I: Ir-Riżultati tal-Istatistika

1. Indikaturi³

1.1 Ewropa 2020

It-tisħiħ tal-governanza ekonomika huwa element fundamentali tal-Istrateġija Ewropa 2020. Il-Programm Statistiku Ewropew kien sors tad-dejta importanti għar-Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, u pprovdha statistika relatata għas-Semestri Ewropej tal-2014 u l-2015. Il-Eurostat, għall-ewwel darba, kien responsabbli mit-tħejjija tal-anness statistiku għar-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, il-punt tat-tluq tal-Proċedura Annwali tal-Iżbilanċi Makroekonomiċi.

Kien hemm kisbiet kbar għall-monitoraġġ tal-inizjattiva ewlenija tal-Ewropa 2020 dwar l-Użu Effiċjenti tar-Riżorsi: it-tabella ta' valutazzjoni dwar l-użu effiċjenti tar-riżorsi ġiet ippubblikata f'Diċembru 2013 u żviluppata aktar fl-2014.

Fil-qasam tal-istatistika soċjali, kompliet il-ħidma fl-iżvilupp u l-produzzjoni ta' indikaturi ta' kwalità għolja għal Ewropa 2020 u Edukazzjoni u Taħriġ 2020. Ir-riżultati inizjali li diġà ġew rilaxxati pprovdew dejta aktar aġġornata dwar il-faqar u l-inugwaljanzi u żguraw id-disponibbiltà tad-dejta reġjonali dwar il-faqar.

Fiż-żona tal-istatistika kummerċjali, l-indikaturi ta' mira għall-intensità tar-riċerka u l-iżvilupp, wieħed mill-oqsma koperti mill-Istrateġija Ewropa 2020, ġew rilaxxati għall-ewwel darba skont ir-regoli l-ġodda tas-Sistema Ewropea tal-Kontijiet (ESA

² <http://ec.europa.eu/eurostat/documents/10186/756730/ESS-Vision-2020.pdf/8d97506b-b802-439e-9ea4-303e905f4255>.

³ Fil-paġni 19-20 hemm definizzjoni tal-indikaturi tal-istatistika tal-Programm Statistiku Ewropew tal-2013-17.

2010)⁴. Id-dejta dwar ir-riċerka kkoordinata b'mod transnazzjonali, espressa f'termini tal-baġits nazzjonali għar-riċerka u l-iżvilupp, għet prodotta aktar malajr. Din id-dejta tintuża għall-monitoraġġ taż-Żona Ewropea tar-Riċerka li jsir fl-inizjattiva ewlenija Unjoni ta' Innovazzjoni.

Fl-2013, għet ippreżentata għall-ewwel darba, pubblikazzjoni ewlenija⁵ dwar il-miri ta' Ewropa 2020.

1.2. Governanza Ekonomika

Il-validazzjoni biannwali tad-dejta għall-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv kienet kisba importanti fl-2014. Fin-notifika ta' April 2014, il-Eurostat esprima riżerva waħda dwar il-kwalità tad-dejta rrapportata mill-Istati Membri, li tneħħiet f'Ottubru 2014. F'Ottubru 2014, il-Eurostat ma esprima l-ebda riżerva dwar id-dejta rrapportata minkejja l-implimentazzjoni tal-qafas metodoloġiku l-ġdid tas-Sistema Ewropea ta' Kontijiet, l-ESA2010, għall-ewwel darba. Id-dejta tal-ESA 2010 dwar id-dejn u d-defiċit kienet akkumpanjata minn tabelli annwali u trimestrali tal-kontijiet nazzjonali tas-settur tal-amministrazzjoni pubblika. Ir-Regolament 479/2009⁶, li jistabbilixxi l-proċedura għall-preżentazzjoni mill-Istati Membri ta' statistika għall-Proċedura tad-Defiċit Eċċessiv, ġie emendat is-sostituzzjoni tar-referenza għal "ESA 95" fir-Regolament b'"ESA 2010". Il-Manwal tad-Defiċit u d-Dejn tal-gvern ġie adattat għall-ESA 2010.

1.3. Globalizzazzjoni Ekonomika

Kien hemm tliet żviluppi notevoli marbutin mal-ħidma li għaddejja fuq il-katina ta' valur globali: ġie ppubblikat ir-rapport Sturgeon — ikkummissjonat mill-Eurostat — dwar qafas ta' kejl għall-katina globali ta' valur; in-netwerk ta' kollaborazzjoni tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika dwar il-katina ta' valur globali ġie ffinalizzat; u l-Istati Membri issa jipparteċipaw b'mod attiv fil-grupp Ħbieb tal-President tan-Nazzjonijiet Uniti, li qed jaħdem biex jiżviluppa qafas globali għall-katina ta' valur globali.

2. L-Oqfsa ta' kontabilità

Il-Eurostat kien attiv ħafna fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tiegħu *II-PDG u lil hinn minnu*. Il-pjan ikopri s-snin mill-2012 sal-2014, u jiffoka fuq tliet oqsma ta' prijetà:

- a) l-issuktar tal-iżvilupp tal-produzzjoni tal-istatistika fil-livell domestiku u l-produzzjoni tal-istatistika li tkejjel id-distribuzzjoni tad-dħul, il-konsum u l-ġid;
- b) il-kejl tal-kwalità tal-ħajja b'mod multidimensjonali;
- c) il-kej tas-sostennibbiltà ambjentali.

2.1. Il-prestazzjoni ekonomika u soċjali

Il-Eurostat ipproduċa u qassam statistika ekonomika ta' kwalità għolja dwar il-kontijiet nazzjonali, il-bilanċ tal-pagamenti, il-prezzijiet u l-paritajiet tal-kapaċità tal-

⁴ <http://ec.europa.eu/eurostat/web/esa-2010>.

⁵ <http://ec.europa.eu/eurostat/product?code=KS-02-13-238>.

⁶ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 tat-25 ta' Mejju 2009 dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-proċedura ta' defiċit eċċessiv anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 1).

akkwist. Fost l-oħrajn ipproduċa statistika għal gābriet ta' indikaturi essenzzjali bħal Ewropa 2020, it-tabella ta' valutazzjoni tal-Proċedura tal-Iżbilanċi Makroekonomiċi ta' Valutazzjoni, l-indikaturi tal-iżvilupp sostenibbli u l-indikaturi ekonomiċi Ewropej prinċipali. Ipproduċa wkoll statistika għal finijiet amministrattivi bħall-kalkolu tal-prodott domestiku gross reġjonali għall-fondi strutturali u l-introjt nazzjonali gross (ING) għar-riżorsi proprji baġitarji, u l-kalkolu tar-remunerazzjoni u l-pensjonijiet tal-persunal.

Fost il-kisbiet l-oħra kien hemm il-produzzjoni ta' analiżi iktar dettaljata tal-istima rapida tal-inflazzjoni taż-żona tal-euro u l-ġestjoni tal-ewwel tqassim sistematiku tal-indiċijiet tal-prezzijiet tad-djar. Għall-ewwel darba, l-Istati Membri baġhtu wkoll indiċijiet tal-prezzijiet trimestrali għall-abitazzjonijiet okkupati mis-sidien, u l-Kummissjoni adottat il-proposta għal regolament ta' qafas ġdid dwar l-indiċi armonizzat tal-prezzijiet tal-konsumatur⁷.

L-Istati Membri setgħu jibagħtu d-dejta tagħhom dwar il-kontijiet nazzjonali u l-bilanċ tal-pagamenti skont l-oqfsa metodoloġiċi l-ġodda, is-Sistema Ewropea tal-Kontijiet (ESA 2010) l-aktar reċenti u s-sitt edizzjoni tal-Bilanċ tal-Ħlasijiet u l-Manwal tal-Pożizzjoni tal-Investment Internazzjonali (BPM6). L-introduzzjoni ta' oqfsa ġodda involviet l-użu tal-istandard il-ġdid għall-iskambju tad-dejta tal-istatistika u l-metadata (SDMX), u dan ifisser li kellu bżonn isir xogħol fuq il-manwali u l-linji gwida metodoloġiċi.

It-Task Force għall-istandards tal-kontabilità tas-settur pubbliku Ewropew, li nħoloq fl-2014, ħejja valutazzjoni tal-impatt. Il-proġett għandu l-għan li jtejjeb il-komparabbiltà u t-trasparenza tar-rappurtar finanzjarju fis-settur pubbliku, billi jħejji s-sisien għall-introduzzjoni ta' standards tar-rappurtar tal-kontabilità tas-settur pubbliku Ewropew u tar-rappurtar finanzjarju bi skop ġenerali, u li l-kontijiet se jitħejjew bihom fuq bażi tad-dovuti.

Il-Eurostat ipproduċa għadd ta' publikazzjonijiet li jkopru suġġetti li jinkludu d-defiċit u d-dejn trimestrali, l-istruttura tad-dejn tal-gvern u x-xejriet fit-taxxi. Kompla wkoll jipubblika stqarriji għall-istampa regolari dwar id-dejn trimestrali tal-gvern u beda jipubblika stqarrija għall-istampa ġdida tal-indikatur tal-euro dwar id-defiċit trimestrali tal-gvern aġġustat staġonalment. Fi tmiem l-2013, il-Eurostat irrilaxxa wkoll ir-rapport biennalli ta' monitoraġġ tiegħu dwar l-iżvilupp sostenibbli fl-UE⁸.

Għall-għan iddettaljat 2.1.2 dwar l-indikaturi ewlenin, il-Eurostat ipubblika żewġ manwali, *Getting messages across using indicators* u *Towards a harmonised methodology for statistical indicators*

2.2 Is-sostenibbiltà ambjentali

Il-leġiżlazzjoni l-ġdida dwar il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej (ir-Regolament (UE) Nru 538/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹) ġiet adottata

⁷ http://eur-lex.europa.eu/resource.html?uri=cellar:61b14699-7f95-11e4-9e6e-01aa75ed71a1.0015.03/DOC_1&format=PDF and http://eur-lex.europa.eu/resource.html?uri=cellar:61b14699-7f95-11e4-9e6e-01aa75ed71a1.0015.03/DOC_2&format=PDF.

⁸ <http://ec.europa.eu/eurostat/documents/3217494/5760249/KS-02-13-237-EN.PDF/f652a97e-e646-456a-82fc-34949bbff956>.

⁹ Ir-Regolament (UE) Nru 538/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 691/2011 dwar il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej (ĠU L 158, 27.5.2014, p. 113).

mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew. Din tintroduċi moduli dwar il-kontijiet tan-nefqa fuq il-protezzjoni ambjentali, il-kontijiet tas-settur tal-prodotti u s-servizzi ambjentali u l-kontijiet tal-flussi tal-enerġija. Il-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika adotta strateġija Ewropea aġġornata għall-kontijiet ambjentali, li tkopri l-perjodu bejn l-2014 u l-2018.

3. Dejta

3.1. Negożju

Il-Eurostat ikkonkluda d-diskussjonijiet li kien qed ikollu mas-sħab tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika dwar uħud mill-pakketti individwali li hemm fir-Regolament ta' Qafas li Jintegra l-Istatistika tan-Negożju previst.

Il-Eurostat kompla l-ittestjar u l-implimentazzjoni tal-‘profiling Ewropew’ — metodu għall-analiżi tal-istruttura tan-negożji. Iffinalizza r-riżultati ta' studju dwar il-fattibbiltà tal-użu ta' dejta ta' pożizzjonament mobbli għal statistika dwar it-turiżmu. Kompletta l-istudji pilota dwar l-użu ta' llinkjar tal-mikrodejta biex jiġu esplorati r-rabtiet bejn l-istatistika strutturali dwar in-negożji u l-istatistika tal-kummerċ tas-servizzi skont il-karatteristiċi tan-negożju. Ġew immedja wkoll studji dwar il-potenzjal għall-illinkjar tal-mikrodejta tal-istatistika strutturali tan-negożji mal-istatistika dwar il-kummerċ internazzjonali. Il-Eurostat kiseb id-dejta li kien jeħtieġ biex jiżviluppa l-indikatur il-ġdid tal-innovazzjoni biex jintuża għall-intrapriżi innovattivi b'rata għolja ta' tkabbir. Din id-dejta nġatat mill-Istati Membri fuq bażi volontarja.

Il-Eurostat irrilaxxa d-dejta u l-metadata dwar l-istatistika għal żmien qasir, l-istatistika tat-turiżmu, l-istatistika strutturali tan-negożji, id-demografija tan-negożji, l-istatistika tal-affiljati barranin, l-investment dirett barrani u l-kummerċ internazzjonali fi prodotti u servizzi. Ippubblika wkoll ir-riżultati ta' sħarriġ dwar l-innovazzjoni komunitarja, dejta dwar ix-xjenza u t-teknoloġija meħtieġa għall-produzzjoni tal-indikatur il-ġdid tar-riżultati tal-innovazzjoni, u r-riżultati tal-istħarriġ dwar it-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni.

Ir-rekwiżiti għall-Iskema tal-Kampjun Ewropew, metodu użat fil-produzzjoni ta' statistika għal terminu qasir, ġew aġġornati.

L-istatistika dwar ir-riċerka u l-iżvilupp, inklużi b'mod partikolari l-indikaturi fil-mira għall-intensità tar-riċerka u l-iżvilupp għall-Istrateġija Ewropa 2020, ġew rilaxxati għall-ewwel darba skont ir-regoli l-ġodda tas-Sistema Ewropea tal-Kontijiet, ESA 2010.

3.2. L-Ewropa tal-Poplu

Il-Eurostat kompla jaħdem fuq l-iżvilupp u l-produzzjoni tal-indikaturi għall-politiki ċentrali tal-UE — bħal Ewropa 2020, Edukazzjoni u Taħriġ 2020 u l-oqfsa ta' valutazzjoni konġunta sottostanti — u fil-qasam tal-popolazzjoni u l-migrazzjoni. Ir-riżultati mill-istħarriġiet ta' ħames snin dwar it-tagħlim tul il-ħajja ġew ippubblikati.

L-istatistika dwar il-kaġuni tal-mewt ġew ippubblikati għall-ewwel darba skont ir-Regolament tal-Kummissjoni 328/2011¹⁰ u fl-2014 ġie adottat ir-Regolament dwar l-Istħarriġ Ewropew Intervista dwar is-Saħħa permezz ta' Intervisti¹¹.

¹⁰ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 328/2011 tal-5 ta' April 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Komunitarja dwar is-saħħa pubblika u

Il-Eurostat qed jirrevedi l-indikatur dwar il-privazzjoni materjali, u d-dejta għall-indikatur rivedut għandha tkun disponibbli fl-2015. Sar progress sinifikanti fl-iżvilupp ta' metodoloġiji f'għadd ta' oqsma, inkluż għall-istħarriġ dwar il-forza tax-xogħol u l-istatistika dwar id-dħul u l-kundizzjonijiet tal-għixien.

L-ewwel ġabra ta' indikaturi dwar il-kejl tal-progress, il-benesseri u l-iżvilupp sostenibbli tqassmet fl-2013, u fl-2014 tqassmet ġabra ta' pubblikazzjonijiet u indikaturi godda¹².

Il-Eurostat beda jimplimenta l-miżuri stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1260/2013¹³ dwar statistika demografika Ewropea, wara l-adozzjoni tiegħu fl-2013.

Sar progress tajjeb fir-reviżjoni tal-istħarriġ dwar il-forza tax-xogħol, bil-għan li tiġi prodotta dejta ġdida u aktar dettaljata dwar is-suq tax-xogħol. Il-qafas legali l-ġdid għall-istħarriġ dwar il-forza tax-xogħol (ir-Regolament (UE) Nru 545/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁴) u għall-programm ta' moduli *ad hoc* għas-snin mill-2016 sal-2018 (ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1397/2014¹⁵) ġie adottat fl-2014. Il-Eurostat ippubblika indikaturi aġġornati għall-istrateġija UE 2020, indikaturi oħra dwar l-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja bl-użu ta' dejta mill-istħarriġ dwar il-forza tax-xogħol u dejta ġdida dwar id-diżabilitajiet. Ġew adottati regolamenti ta' implimentazzjoni għall-istatistika dwar l-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-hajja¹⁶ u għal l-istatistika dwar id-dħul u l-kundizzjonijiet ta' ghixien¹⁷.

3.3 Statistika ġeospazjali, ambjentali, agrikola u statistika settorjali oħra

Il-monitoraġġ tal-konformità applikat lid-dejta mibgħuta mill-Istati Membri ġie estiż biex ikopri aspetti relatati mal-kwalità tad-dejta. Saru sforzi biex tittejjeb il-kompletezza u jitnaqqas iż-żmien li jittieħed biex titlesta l-istatistika għall-agrikoltura u s-sajd, l-ambjent u l-kontijiet u l-enerġija. Din l-istatistika issa tiġi ppubblikata b'dewmien ta' żmien iqsar.

s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol fir-rigward tal-istatistika dwar il-kaġuni ta' mwiet (ĠU L 90, 6.4.2011, p. 22-24).

¹¹ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 68/2014 tas-27 ta' Jannar 2014 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 141/2013 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Komunitarja dwar is-saħħa pubblika u s-sigurtà fuq ix-xogħol, fir-rigward tal-istatistika bbażata fuq l-Istħarriġ Ewropew dwar is-Saħħa permezz ta' Intervisti (EHIS) minħabba l-adeżjoni tal-Kroazja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 23, 28.1.2014, p. 9-11).

¹² <http://ec.europa.eu/eurostat/web/sdi/indicators>

¹³ Ir-Regolament (UE) Nru 1260/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar statistika demografika Ewropea, (ĠU L 330, 10.12.2013, p. 39).

¹⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 545/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol fil-Komunità (ĠU L 163, 29.5.2014, p. 10).

¹⁵ Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1397/2014 tat-22 ta' Ottubru 2014 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 318/2013 li jadotta l-programm ta' moduli *ad hoc*, li jkopri s-snin mill-2016 sal-2018, għall-istħarriġ permezz ta' kampjun dwar il-forza tax-xogħol previst mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 (ĠU L 370, 30.12.2014, p. 42).

¹⁶ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1175/2014 tat-30 ta' Ottubru 2014 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 452/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni u l-iżvilupp tal-istatistika dwar l-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja, (ĠU L 316, 4.11.2014, p. 4).

¹⁷ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 112/2013 tas-7 ta' Frar 2013 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jirrigwarda l-istatistika Komunitarja dwar l-introjt u l-kundizzjonijiet tal-għixien (UE-SILC) (ĠU L 37, 8.2.2013, p. 2).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 715/2014¹⁸ introduċa lista ġdida ta' karatteristiċi għall-istħarriġ tal-2016 dwar l-istruttura tal-impriżi agrikoli.

Il-Eurostat nieda l-ewwel stħarriġ speċifiku għall-utenti dwar l-istatistika tal-enerġija. Il-qasam tal-istatistika tal-enerġija ibbenefika wkoll mill-introduzzjoni tat-tqassim online tad-dejta annwali dwar l-enerġija nukleari. Fi tmiem l-2013, ġie ppubblikat manwal għall-istatistika tal-konsum tal-enerġija fid-djar privati. Ir-Regolament dwar l-Istatistika tal-Enerġija¹⁹ ġie emendat biex ikopri l-konsum aħħari tal-enerġija fid-djar skont il-karburant u skont l-użu.

L-istimi bikrija tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mill-użu tal-enerġija attwalment jiġu ppubblikati madwar ħames xhur wara t-tmiem tas-sena ta' referenza. Bħalissa qed jiġu żviluppati wkoll metodi għall-kalkolu ta' "stimmi minn isfel għal fuq" tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra minn mezzi differenti tat-trasport.

Sar progress fl-iżvilupp tal-indikaturi għall-monitoraġġ tal-miri stipulati fil-White Paper dwar it-Trasport tal-2011.

Ġiet adottata emenda lill-klassifika komuni tal-unitajiet territorjali għall-istatistika²⁰.

Il-Eurostat jaħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mad-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana u l-Kumitat tar-Reġjuni biex jipproduċu l-Yearbook Reġjonali u l-verżjoni elettronika li takkumpanjah, l-Atlas Statistiku.

Il-koordinazzjoni tal-inizjattivi nazzjonali għall-monitoraġġ tal-istatistika dwar il-kopertura tal-art u l-użu tal-art ġiet estiża. L-għan ta' dan huwa li tkun tista' tiġi żviluppata strateġija fit-tul għall-istħarriġ dwar l-istatistika dwar l-użu tal-art u tal-kopertura tal-art.

Qasam ta' prijorità II: Il-metodi tal-produzzjoni tal-istatistika Ewropea

1. Il-ġestjoni tal-kwalità tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika

Fl-2013, tnediet sensiela ġdida ta' reviżjonijiet bejn il-pari. F'dan l-eżerċizzju jieħdu sehem total ta' 32 pajjiż (l-Istati Membri tal-UE flimkien mal-erba' pajjiżi l-oħra tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles u taż-Żona Ekonomika Ewropea) u l-Eurostat. Il-pajjiżi kollha u l-Eurostat imlew kwestjonarji ta' awtovalutazzjoni, u, matul l-2014, saru evalwazzjonijiet bejn il-pari ta' 12-il pajjiż u tal-Eurostat. L-evalwazzjoni bejn il-pari tal-Eurostat, imwettqa mill-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika, tlestiet u r-rapport ġie ppubblikat.

Il-ħidma li għaddejja bħalissa biex l-oqfsa ta' assigurazzjoni tal-kwalità użati mis-Sistema Ewropea tal-Istatistika u mis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali jiġu allinjati, iffukat fuq l-għodod tal-implimentazzjoni u tal-monitoraġġ, b'mod

¹⁸ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 715/2014 tas-26 ta' Ġunju 2014 li jemenda l-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 1166/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar stħarriġ ta' strutturi tal-impriżi agrikoli u l-istħarriġ dwar metodi ta' produzzjoni agrikola, fir-rigward tal-lista ta' karatteristiċi li jridu jinġabru fl-istħarriġ dwar l-istruttura tal-impriżi agrikoli 2016, (ĠU L 190, 28.6.2014, p. 8).

¹⁹ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 431/2014 tal-24 ta' April 2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika dwar l-enerġija, fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-istatistika annwali dwar il-konsum tal-enerġija fl-unitajiet domestiċi (ĠU L 131, 1.5.2014, p. 1).

²⁰ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 868/2014 tat-8 ta' Awwissu 2014 li jemenda l-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 241, 13.8.2014, p. 1).

partikolari fuq is-sensjela ta' reviżjonijiet bejn il-pari u l-awditi tal-istatistika mwettqa fis-sistemi rispettivi.

Il-ħidma mwettqa mill-grupp "Sponsorship on Quality" u l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar ir-rappurtar ta' kwalità wasslu għall-iżvilupp tal-Istruttura Unika Integrata tal-Metadejta u l-pubblikazzjoni tal-edizzjoni tal-2014 tal-Manwal tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika għar-rapporti ta' kwalità. Fl-2014, il-Eurostat beda jippjana l-implimentazzjoni tal-qasam ta' prijorità "kwalità" tal-Viżjoni 2020 tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika, b'kooperazzjoni mal-membri tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika. Il-Konferenza Bijennali Ewropea dwar il-kwalità tal-istatistika uffiċjali, saret fi Vjenna. Fl-2014, il-Eurostat żviluppat u approva għall-użu proċedura ġdida għall-immaniġġar u r-rappurtar tal-żbalji fl-istatistika ppubblikata/

2. L-iffissar tal-prijoritajiet u s-simplifikazzjoni

Il-qafas ipprovdut mill-Programm Ewropew tal-Istatistika jirrikjedi li jiġu stabbili l-prijoritajiet fis-Sistema Ewropea tal-Istatistika biex jiġi żgurat li l-għanijiet ta' ħames snin jkunu jistgħu jintlaħqu bir-riżorsi disponibbli, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak Ewropew. Għalhekk, il-Eurostat wettaq eżerċizzju annwali ta' stabbiliment tal-prijoritajiet, b'konsultazzjoni mal-utenti u l-produtturi tal-istatistika. Il-prijoritajiet jiġu stabbiliti fuq il-bażi ta' reviżjoni tar-rekwiżiti eżistenti tal-istatistika, u din tidentifika l-atti legali li se jiġu rrevokati, il-ġbir volontarju tad-dejta (ibbażat fuq ftehimiet informali) li ma għadux isir, u l-oqsma li għandhom jitnaqqsu jew jiġu ssimplifikati. L-introduzzjoni ta' "lista ta' prodotti" għas-Sistema Ewropea tal-Istatistika tejbet is-sistema għall-istabbiliment tal-prijoritajiet. Dan l-eżerċizzju huwa partikolarment importanti fi żmien meta r-riżorsi verament qed jonqsu, kemm fil-livell tal-Eurostat, kif ukoll f'tal-Istati Membri, u l-uffiċċji tal-istatistika kellhom jagħmlu sforzi kbar biex ilaħħqu mad-domanda li dejjem qed tikber għall-istatistika bir-riżorsi li kull ma jmur qed jonqsu.

Beda x-xogħol fuq ir-razzjonalizzazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-istatistika tal-ilma u l-foresti. L-emenda lir-Regolament dwar it-Trasport Ferrovarju, li skontha l-Istati Membri mhux se jibqgħu jkunu obbligati jirrappurtaw dejta għal ċerti tabelli, tressqet lil-leġiżlatur. Ittieħdu passi biex tiġi ssimplifikata l-istatistika dwar is-sajd, bl-użu tad-dejta dwar il-qabdiet, irrapportata fil-politika komuni tas-sajd. Qed isir għadd ta' bidliet għas-simplifikazzjoni tal-istatistika agrikola, inkluż it-tfassil ta' s-tħarriġ aktar flessibbli dwar l-istruttura tal-impriżi agrikoli, għall-użu mill-2020 'l quddiem, u l-iżvilupp ta' sinerġiji akbar bejn id-diversi oqsma tal-istatistika agrikola. Id-dejta dwar il-prezzijiet u l-kirjiet tal-art inġabret bil-metodoloġija armonizzata. L-istatistika dwar il-bliet miġbura fl-awditu urban ġiet razzjonalizzata aktar.

Il-produttjoni u t-tqassim tal-istatistika dwar il-politika tas-suq tax-xogħol ġiet trasferita lid-Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni. Il-ġbir volontarju tad-dejta għall-qliġ gross annwali u l-ispejjeż tax-xogħol twaqqaf. Il-ġbir tad-dejta għall-produttjoni tal-istatistika dwar il-mard okkupazzjonali ġie ssimplifikat, billi d-Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni ta appoġġ finanzjarju għal dawn il-bidliet fuq perijodu ta' erba' snin.

Tnedew il-Proġett tal-Istatistika tas-Suq Uniku (SIMSTAT) u t-tfassil mill-ġdid tal-istatistika dwar il-kummerċ intern. L-għan ta' dawn l-emendi kien li jitnaqqas il-piż tal-ġbir tad-dejta u t-titjib tal-kwalità tad-dejta.

Ġie prodott u ppubblikat għadd ta' linji gwida u spjegazzjonijiet ġodda, biex jirrazzjonalizzaw l-appoġġ mogħti għall-klassifikazzjonijiet tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika u l-metadejta strutturali standardizzata.

Il-Kummissjoni ma wettqet ebda ħidma oħra ma' pajjiżi li mhum iex fl-UE, minbarra ma' daww il-pajjiżi li qegħdin fil-proċess tas-sħubija u mal-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat.

3. Statistika ta' ħafna għanijiet u gwadann fl-effiċjenza fil-produzzjoni

Il-proċess tal-modernizzazzjoni tal-istatistika Ewropea kompli, billi, fil-laqgħa ta' Mejju 2014, il-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika adotta l-Viżjoni 2020 tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika bħala l-istrateġija ċentrali għall-iżvilupp tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika matul il-perjodu sal-2020. Dan il-qafas jidentifika ħames oqsma ta' prijorità: l-utenti, il-kwalità, is-sorsi l-ġodda tad-dejta, il-proċessi tal-produzzjoni u t-tqassim u l-komunikazzjoni. Kisba ewlenija notevoli kienet l-iżvilupp tal-proġetti ta' modernizzazzjoni ċentrali (il-proġetti tal-implimentazzjoni tal-viżjoni tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika) f'kollaborazzjoni mal-Istati Membri. L-oqsma koperti jinkludu n-netwerk tal-iskambju tad-dejta, il-validazzjoni tal-istatistika, l-użu ta' sorsi ġodda tad-dejta (għal finijiet amministrattivi u ta' "big data"), proġetti tan-negozju ta' importanza kritika (il-modernizzazzjoni tal-istatistika kummerċjali u l-ħolqien ta' reġistri kummerċjali interoperabbli fi ħdan is-Sistema Ewropea tal-Istatistika) u oqfsa ta' appoġġ (mudelli u standards tal-informazzjoni, kwalità, arkitettura tal-intrapriżi).

Il-proġett tal-implimentazzjoni tal-viżjoni tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika dwar l-Istatistika tas-suq uniku, li kien iffokat fuq l-iskambju tal-mikrodejta dwar il-kummerċ intra-UE, għamel progress skont l-iskeda. L-istudju ta' fattibilità ġie ffinalizzat u beda x-xogħol fuq l-iżvilupp ta' bażi tad-dejta ċentralizzata.

Il-fażi preparatorja tal-proġett tal-implimentazzjoni tal-viżjoni tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika dwar is-sistema Ewropea ta' reġistri kummerċjali interoperabbli għall-istatistika tlestiet fl-2013 u l-proġett tan-netwerk ta' kollaborazzjoni tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika dwar is-sistema Ewropea ta' reġistri kummerċjali interoperabbli għall-istatistika tnieda fl-2014.

Il-kisba ewlenija tal-proġett tal-implimentazzjoni tal-viżjoni tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika kienet l-iżvilupp ta' sintassi ta' validazzjoni, li se tippermetti lill-Eurostat li jaqsam ir-regoli tal-validazzjoni mal-Istati Membri u jfassal speċifikazzjonijiet funzjonali għall-iżvilupp ta' għodod ta' validazzjoni mtejbja.

Il-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika ħareġ memorandum dwar il-big data, u sussegwentement adotta l-Pjan ta' Azzjoni tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika u l-Pjan Direzzjonali 1.0²¹. Beda x-xogħol fuq l-iżvilupp tal-prototipi ta' applikazzjonijiet għall-użu tal-big data fl-istatistika uffiċjali fl-oqsma tal-kura tas-saħħa, tal-qgħad u tad-demografija.

Bħalissa għaddej għadd ta' inizjattivi ta' modernizzazzjoni relatati mal-iżvilupp tal-istatistika soċjali u dik tal-popolazzjoni fis-snin li ġejjin, bħal dwar l-integrazzjoni tal-istatistika soċjali Ewropej. Fl-2014, infetħ "census hub" li jippermetti l-pubblikazzjoni tad-dejta komparattiva u ddettaljata ħafna dwar il-popolazzjoni u d-djar.

²¹ <http://www.cros-portal.eu/content/papers-big-data-context-official-statistics>.

Il-Eurostat temm it-tieni fażi tal-proġett tas-Sistema ta' Produzzjoni tal-Kontijiet Nazzjonali, li l-għan tiegħu kien li jimmodernizza l-katina ta' produzzjoni tal-istatistika għall-oqsma ewlenin tal-istatistika marbuta mal-kontijiet nazzjonali u l-bilanċ tal-pagamenti.

Għe konkluż ftehim internazzjonali li jistabbilixxi format standard li għandu jintuża fl-iskambju tal-istatistika dwar il-kontijiet nazzjonali u l-bilanċ tal-pagamenti. Dan il-ftehim għe implimentat fil-livell tal-UE permezz tal-introduzzjoni tas-Sistema Ewropea tal-Kontijiet il-ġdida, ESA 2010, u s-sitt edizzjoni tal-Manwal tal-Bilanċ tal-Pagamenti u tal-Pożizzjoni tal-Investment Internazzjonali (BPM6). Sar progress tajjeb fl-implimentazzjoni tal-istandards, inklużi dawk għall-metadejta ta' referenza, ir-rapporti ta' kwalità, il-listi ta' kodiċijiet, l-iskambju tad-dejta statistika u tal-metadata (SDMX), u oħrajn użati fis-Sistema Ewropea tal-Istatistika.

Il-verżjoni riveduta tal-Linji Gwida tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika dwar l-aġġustament staġjonali għet approvata mill-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika u l-verżjoni uffiċjali tas-software il-ġdid għall-aġġustament staġjonali għet rilaxxata.

4. Tqassim u komunikazzjoni

Għadd ta' servizzi ġodda (servizzi tal-web, apps u widgets) ġew offruti għall-ewwel darba. Il-kisba prinċipali kienet it-tneġġja tal-websajt il-ġdida tal-Eurostat f'Diċembru 2014. Kien hemm enfasi partikolari fuq il-produzzjoni ta' pubblikazzjonijiet trasversali, bħalma huma ż-żewġ pubblikazzjonijiet ewlenin *Europe 2020 indicators*²² u *Youth in the EU. Statistics Explained* għet estiża u twaqqaf netwerk Ewropew ta' appoġġ għad-dejta statistika, bi 33 ċentru ta' appoġġ li jkopru 31 lingwa Ewropea.

Il-Eurostat ħalla lir-riċerkaturi jkollhom aċċess għal erba' ġabriet addizzjonali ta' mikrodejta. Saru diskussjonijiet dwar il-vijabbiltà teknika tal-iżvilupp ta' infrastruttura ta' aċċess remot biex jingħata aċċess għal fajls kunfidenzjali ħafna b'użu sikur.

Il-Eurostat ippubblika żewġ manwali dwar l-indikaturi, *Getting messages across using indicators* u *Towards a harmonised methodology for statistical indicators*.

Il-Kumitat Konsultattiv Ewropew tal-Istatistika kellu rwol importanti fil-komunikazzjoni mal-akkademiċi, fl-involviment tal-utenti u biex jagħmel il-mikrodejta disponibbli għar-riċerka.

5. Taħriġ, innovazzjoni u riċerka

Il-Eurostat kompla jappoġġja u jippromwovi l-kollaborazzjoni bejn il-membri tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika. Il-Membri huma mhegħa jaqsmu l-għarfien, jaqsmu l-ideat dwar l-aħjar prattiki u l-approċċi innovattivi għall-produzzjoni tal-istatistika, jikkollaboraw fuq l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' metodoloġiji ġodda u jippromwovu r-riċerka fl-istatistika uffiċjali. Iż-żewġ Ċentri ta' Eċċellenza u l-inizjattivi internazzjonali varji, inklużi l-konferenzi ewlenin bħall-*Quality 2014* u l-workshop dwar il-big data fl-istatistika uffiċjali, kellhom rwol partikolarment importanti f'dan il-qasam. L-ewwel Konferenza tal-Partijiet Ikkonċernati tal-

²² <http://ec.europa.eu/eurostat/product?code=KS-EZ-14-001&mode=view>.

Istatistika Ewropea fl-2014 kienet eżempju tajjeb tat-tisħiħ tar-rabtiet mal-qasam akkademiku u mal-partijiet interessati rilevanti.

Sar progress sinifikanti fir-rigward tal-Master's Ewropew fl-Istatistika Uffiċjali. Ġie ppjanat studju tal-fattibbiltà li issa qiegħed isir. Il-Kumitat dwar is-Sistema tal-Istatistika Ewropea ta l-kunsens tiegħu għall-kunċett tal-Master's Ewropew fl-Istatistika Uffiċjali, għall-qafas ta' governanza propost għall-programm u għall-ħolqien ta' Bord tal-Master' Ewropew fl-Istatistika Uffiċjali.

Qasam ta' prijorità III: Sħubija

1. Is-sħubija fis-Sistema Ewropea tal-Istatistika u lil hinn minnha

F'Diċembru 2014, intlaħaq ftehim politiku dwar il-proposta li temenda r-Regolament (KE) Nru 223/2009 dwar l-istatistika Ewropea. Fid-19 ta' Mejju 2015, ir-Regolament emendat²³ ġie ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali.

Sar għadd ta' titjib lill-istruttura tal-governanza tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika: b'mod partikolari, il-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika sar il-kumitat prinċipali, u twaqqaf il-Forum Ewropew tal-Istatistika biex itejjeb il-kooperazzjoni bejn is-Sistema Ewropea tal-Istatistika u s-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali.

Il-valutazzjonijiet globali tas-sistemi tal-istatistika tal-pajjiżi kandidati, tal-pajjiżi kandidati potenzjali u tal-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat tal-Lvant intużaw biex jittejjew strateġiji ta' kooperazzjoni għall-perjodu 2014-2020. L-istrateġija għall-Kooperazzjoni Statistika u l-Istrateġija għall-Kooperazzjoni Statistika fil-Pajjiżi tal-Lvant tal-Istrumenti Ewropej tal-Viċinat (ENI) 2014-2020 huma oqfsa għall-iżvilupp ta' sistemi tal-istatistika sostenibbli u affidabbli. Fil-kuntest tan-Negożjati tat-Tkabbir, l-għan huwa l-implimentazzjoni tal-acquis u l-integrazzjoni fis-Sistema Ewropea tal-Istatistika. Fil-Viċinat Ewropew tal-Lvant, il-kooperazzjoni timmira lejn l-bini tal-kapaċità u l-provvista ta' dejta affidabbli u f'waqtha marbuta mal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u l-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles Profondi u Komprensivi. Il-kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat tan-Nofsinhar, iffokat fuq l-iżvilupp ta' kodiċi ta' prattika tal-istatistika għal dawn il-pajjiżi, abbażi tal-kodiċi ta' prattika tal-istatistika Ewropea. Il-Eurostat fassal programm ta' kooperazzjoni fl-istatistika Pan-Afrikan filwaqt li l-kooperazzjoni mal-pajjiżi kklassifikati li għandhom dħul għoli kompliet fil-forma ta' skambju ta' informazzjoni u ta' għarfien.

3. RELEVANZA

Il-programm statistiku Ewropew għadu rilevanti, billi l-għanijiet tiegħu għadhom jikkorrispondu mal-ħtiġijiet tal-UE.

Il-programm jissodisfa l-ħtiġijiet ta' numru ta' kategoriji differenti ta' utenti, kif muri minn bosta indikaturi:

- l-għadd tal-utenti tas-sit tal-internet żdied fl-2013 u fl-2014;
- l-għadd ta' drabi li dejta ppubblikata mill-Eurostat ġiet aċċessata online u l-għadd ta' pubblikazzjonijiet imniżżlin mill-internet it-tnejn żdiedu fl-2013 u fl-2014;

²³ Ir-Regolament (UE) Nru 2015/759 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 223/2009 dwar l-Istatistika Ewropea (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 90).

- il-frekwenza tad-drabi li l-Eurostat jissema fuq l-internet qed jiżdied b' mod konsistenti;
- il-livell ta' sodisfazzjon tal-utenti baqa' għoli, kif juru r-riżultati tal-istħarriġiet dwar is-sodisfazzjon tal-utenti;
- il-Kumitat Konsultattiv Ewropew tal-Istatistika ta opinjonijiet favorevoli globali fl-evalwazzjoni tiegħu tal-programmi ta' ħidma tal-2013 u l-2014, għalkemm b'xi punti ta' tħassib li għandhom jiġu kkunsidrati fil-futur;
- Regolament tal-Kummissjoni għdid ippermetta li tiġi akkomodata ż-żieda fl-għadd ta' talbiet mir-riċerkaturi għall-aċċess għall-ġabriet ta' mikrodejta;
- l-għadd ta' rikjesti tal-utenti indirizzati lejn is-servizzi ta' appoġġ tal-Eurostat għad-dejta u l-metodoloġija żdied; kif ukoll
- ġiet introdotta ġabra ta' metodi ġodda għall-pubblikazzjoni tad-dejta sabiex il-websajt tal-Eurostat tkun aktar b'saħħitha u aktar faċli biex tintuża.

Il-programm statistiku Ewropew qed jikkontribwixxi għat-tfassil tal-politiki f'oqsma ta' prijorità. Il-Eurostat ikkomunika fuq bażi regolari mad-Direttorati Ġenerali l-oħrajn tal-Kummissjoni Ewropea sabiex jibqa' infurmat dwar il-ħtiġijiet tagħhom u biex ikun jista' jikkontribwixxi għat-tfassil tal-politiki f'oqsma ta' prijorità. L-informazzjoni pprovduta frabta ma' dawn il-politiki ġiet ikkomunikata lill-pubbliku u lill-atturi istituzzjonali prinċipali, il-Parlament Ewropew u il-Kunsill.

Il-Eurostat beda jipproduċi pubblikazzjoni fuq il-politiki tal-Ewropa 2020, l-ewwel waħda minn serje għdida ta' pubblikazzjonijiet annwali li jipprovdu analiżijiet statistiċi relatati mal-oqfsa ta' politika ewlenin tal-Kummissjoni Ewropea jew kwistjonijiet oħra ta' importanza soċjali.

In-numru ta' mistoqsijiet parlamentari dwar l-istatistika tal-Eurostat baqa' f'livell għoli kontinwu, b'numru partikolarment kbir ta' mistoqsijiet dwar l-istatistika marbuta mal-kriżi finanzjarja. Il-Eurostat għamel kontribut importanti lis-Semestru Ewropew permezz tal-provvista ta' dejta u għadd ta' indikaturi.

Fl-aħħar nett, il-programm statistiku Ewropew qed jikkontribwixxi wkoll għar-reviżjoni tal-prijoritajiet tal-statistika permezz ta' leġislazzjoni jew billi jiġu stabbiliti priyoritajiet negattivi. Tliet regolamenti li kienu jinkludu l-prijoritizzazzjoni ġew adottati jew proposti rispettivament, proposta waħda ġiet irtirata u żewġ valutazzjonijiet tal-impatt ta' miżuri leġislattivi ġodda twettqu jew inbdew. Tfasslet u bdiet tintuża lista ta' madwar 40 prijorità negattiva, u b'hekk qed jiġi żgurat li l-istatistika Ewropea tibqa' rilevanti. Għadd sinifikanti tal-persunal tal-Eurostat ngħataw karigi ġodda fl-2013 u fl-2014, sabiex jiġu kkunsidrati l-prijoritajiet ġodda.

4. EFFIKAĊJA

Il-Eurostat għamel użu effiċjenti mir-riżorsi tiegħu, kemm dawk finanzjarji kif ukoll dawk umani.

L-eżekuzzjoni tal-baġit fl-2013 u l-2014 qabżet il-miri stabbiliti fil-pjanijiet ta' ġestjoni u l-livell ta' parteċipazzjoni fi proġetti appoġġati minn għotjiet tal-UE kien tajjeb, u l-Istati Membri kollha bbenefikaw mill-inqas minn għotja waħda pprovduta mill-Eurostat.

Il-produttività tgiebet fi żmien meta r-riżorsi umani qed jonqsu. Il-volum tad-dejta ppubblikata mill-Eurostat żdied b'mod sostanzjali, għalkemm in-numru totali ta' impjegati naqas xi ftit.

5. VALUR MIŻJUD TAL-UE

Il-programm statistiku Ewropew jappoġġja titjib kontinwu fil-kwalità tal-istatistika użata għat-tabella ta' valutazzjoni tal-Ewropa 2020, għall-inizjattivi ewlenin tal-iżvilupp u l-evalwazzjoni u għall-monitoraġġ tal-UE tal-politiki nazzjonali (speċifikament permezz tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, il-Proċedura ta' Żbilanċi Makroekonomiċi u s-Semestru Ewropew). B'mod partikolari, għandu l-għan li jtejjeb ir-relevanza u l-komparabbiltà tal-istatistika, u li jnaqqas id-differenza fiż-żmien bejn il-perjodu ta' referenza u l-pubblikazzjoni tal-istatistika. Il-programm statistiku Ewropew huwa l-mezz ewlieni li permezz tiegħu l-UE ttipprova appoġġ finanzjarju lill-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika, għall-produzzjoni tal-istatistika, l-iżvilupp ta' statistika ġdida u l-implimentazzjoni ta' metodoloġiji, klassifikazzjonijiet u standards ġodda. It-titjib fil-kwalità tal-istatistika tal-Eurostat jidher miż-żieda fil-livell tas-sodisfazzjon tal-utenti bil-kwalità u l-komparabbiltà ġenerali tad-dejta ppubblikata, u bil-ħeffa li biha tiġi prodotta u ssir disponibbli. Il-programm jappoġġja wkoll l-iżvilupp tal-metodi l-ġodda għall-produzzjoni tal-istatistika, li se jżidu l-effiċjenza u jnaqqsu l-piż amministrattiv fuq in-negozji u l-individwi. Għaldaqstant, il-Programm Ewropew tal-Istatistika ta l-frott u jkompli jagħti "valur miżjud tal-UE" ċar. Dan jgħodd għall-għanijiet ewlenin kollha tal-programm Ewropew tal-istatistika u huwa partikolarment viżibbli f'xi oqsma u proġetti tal-istatistika, kif indikat fit-Taqsimiet li ġejjin.

Għall-għanijiet 1 u 4, l-istatistika Ewropea għandha natura transnazzjonali ċara. L-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tqassim tal-istatistika Ewropea, kif isiru fil-programm statistiku Ewropew, ma jistgħux isiru b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, u jistgħu jsiru aħjar fil-livell tal-UE. Għalhekk, il-Kummissjoni ġestiet dan il-proċess fil-livell tal-UE abbażi ta' att legali tal-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni biss tista' tikkordina l-istandardizzazzjoni meħtieġa tal-statistika fil-livell Ewropew fl-oqsma kollha tal-istatistika koperti mill-programm tal-istatistika Ewropew, filwaqt li l-ġbir tad-dejta jista' jsir mill-Istati Membri.

Il-valur miżjud tal-involviment tal-UE għadu li jippermetti li l-attivitajiet tal-istatistika jiġu kkonċentrati fuq il-politiki tal-UE u l-kwistjonijiet ta' relevanza għas-Sistema Ewropea tal-Istatistika bħala entità sħiħa. Barra minn hekk, tikkontribwixxi għal użu effettiv tar-riżorsi u tgħin lill-awtoritajiet nazzjonali sabiex jaqdu r-rwoli tagħhom aħjar, fejn, li kieku mhux hekk, ma jkollhomx il-kapaċità li jaqduhom, pereżempju f' 'termini ta' stabbiliment tal-prijoritajiet, l-istandardizzazzjoni u l-iżvilupp metodoloġiku.

Xi eżempji ċari ta' dan mill-ewwel sentejn tal-programm statistiku Ewropew jinkludu: l-istatistika dwar il-finanzi tal-gvern, l-istatistika dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq, in-netwerks ta' kollaborazzjoni tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika, l-istatistika ġeografika, l-istandards tal-kontabilità tas-settur pubbliku Ewropew, l-istħarriġ dwar l-istatistika dwar l-użu tal-art u l-kopertura tal-art, l-istatistika dwar is-suq uniku, ir-reġistru EuroGroups, is-"census hub" u l-indikaturi soċjali għall-politiki tal-UE.

Għall-għanijiet 2 u 3, l-implimentazzjoni tal-pjan tal-Eurostat għar-riforma tal-metodi użati għall-produzzjoni tal-istatistika Ewropea, u d-definizzjoni tal-istrategġija l-għdida fil-Viżjoni 2020 tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika qed ikollhom effett fuq l-approċċi użati fis-Sistema Ewropea tal-Istatistika. Dan il-proċess ta' modernizzazzjoni m'għadux ibbażat fuq il-mod tradizzjonali tal-produzzjoni tal-istatistika, b'għadd kbir ta' proċessi paralleli, pajjiż pajjiż u żona żona. Dan il-mod m'għadux tajjeb għall-Eurostat u għall-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika li jaħdmu fi ħdan is-Sistema Ewropea tal-Istatistika. L-istrategġija tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika bdiet toħloq sistema ta' statistika uffiċjali Ewropea, bi produttività ġenerali aħjar, billi tikkordina aħjar il-ħidma mwettqa mill-uffiċċji tal-istatistika sabiex ma jkunx hemm duplikazzjoni u sabiex jiġu sfruttati b'mod sħiħ is-sinerġiji potenzjali.

6. KOERENZA

Fl-2013 u l-2014, il-programm statistiku Ewropew kien ikkoordinat tajjeb ma' inizjattivi oħra tal-UE fl-istess qasam, it-tnejn li huma wkoll programmi tal-Eurostat, bħall-programm għall-modernizzazzjoni tal-istatistika Ewropea tal-intrapriżi u l-kummerċ²⁴, u l-istatistika prodotta minn Direttorati-Ġenerali oħra tal-Kummissjoni.

L-immodernizzar tal-istatistika dwar l-intrapriżi u l-kummerċ Ewropew, programm ta' nfiq fil-qasam tal-istatistika tan-negozji, baqa' jsir sa tmiem l-2013. Madankollu, l-Artikolu 3 tal-programm statistiku Ewropew jgħid li ma jkoprix miżuri previsti mill-immodernizzar tal-programm Ewropew tal-intrapriżi u l-kummerċ. L-aktar riżultati importanti minn dan il-programm kienu r-rakkomandazzjonijiet metodoloġiċi għal firxa wiesgħa ta' oqsma relatati mal-istatistika tan-negozju u l-kummerċ. Bħala segwitu dirett għal dan il-programm, u bħala parti mill-programm Ewropew tal-istatistika, il-Eurostat vara reviżjoni u integrazzjoni fundamentali tal-istatistika marbuta man-negozju permezz ta' qafas legali komuni, ir-Regolament ta' Qafas li Jintegra l-Istatistika tan-Negozju.

Ir-relazzjoni bejn il-programm Ewropew tal-istatistika u l-programmi l-oħra tal-Kummissjoni li jinvolvu l-produzzjoni tal-istatistika hija definita fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-Eurostat²⁵, li tagħmel distinzjoni bejn l-istatistika Ewropea u statistika oħra. Id-Deċiżjoni tiddefinixxi wkoll ir-responsabbiltajiet tal-Eurostat u d-drittijiet tiegħu għall-aċċess għal rekords amministrattivi.

7. RAKKOMANDAZZJONIJIET

Għandha tingħata attenzjoni partikolari lil dawg l-għanijiet fejn tfaċċaw il-problemi

Għalkemm l-implimentazzjoni tal-Programm Ewropew tal-Istatistika qed tipproċedi tajjeb, huwa rakkomandat li ssir enfasi fuq l-oqsma fejn tfaċċaw xi problemi limitati, sabiex jibqgħu fit-triq it-tajba biex jintlaħqu l-għanijiet kollha. Ir-riżultati ta' din il-konċentrazzjoni tal-isforzi ser ikunu jidhru mill-monitoraġġ annwali tal-attivitajiet.

²⁴ Id-Deċiżjoni Nru 1297/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar Programm għall-Modernizzazzjoni tal-Istatistika Ewropea tal-Intrapriża u l-Kummerċ (MEETS) (ĠU L 340, 19.12.2008, p. 76).

²⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/504/UE tas-17 ta' Settembru 2012 dwar il-Eurostat (ĠU L 251, 18.9.2012, p. 49).

Għandu jkun hemm biżżejjed riżorsi biex jinżamm il-livell meħtieġ ta' investiment għall-modernizzazzjoni tal-produzzjoni tal-istatistika Ewropea

Sabiex l-istituti nazzjonali tal-istatistika jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod attiv fil-proġetti mfassla biex jimmodernizzaw il-produzzjoni tal-istatistika Ewropea, u biex jimplimentaw ir-riżultati tagħhom, fi żmien meta r-riżorsi qed jitnaqqsu, filwaqt li jiżguraw produzzjoni regolari tal-istatistika, għandhom jiġu investiti aktar riżorsi fis-Sistema Ewropea tal-Istatistika. Il-proċess tal-modernizzazzjoni tal-produzzjoni tal-istatistika joffri mod biex tiġi indirizzata l-kwistjoni tar-riżorsi limitati jew li qed jonqsu, iżda dan stess jeħtieġ investiment inizjali sabiex isir progress bil-pass mixtieq u biex tiġi garantita s-sostenibbiltà fit-tul tas-sistema.

Il-proġetti għandhom jiġu identifikati u implimentati fil-livell tal-UE għaliex dan jista' jimmassimizza l-valur miżjud tal-UE

Ir-reġistru tal-EuroGroups, il-proġett tal-Istatistika tas-Suq Uniku (SIMSTAT), u s-"census hub" huma biss xi eżempji ta' proġetti li bbenefikaw minn żieda fil-kollaborazzjoni bejn il-Eurostat u l-istituti nazzjonali tal-istatistika, li kienet possibbli permezz ta' approċċi kollaborattivi bħan-networks ta' kollaborazzjoni tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika, u bħala parti minn proġetti ta' implimentazzjoni tal-viżjoni tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika. Il-ħidma mwettqa fl-implimentazzjoni tal-Viżjoni 2020 tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika għandha wkoll rwol fil-massimizzazzjoni tal-valur miżjud tal-UE.